**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR MARSE-ANN FARRUGIA LL.D.**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha, 24 ta' Marzu 2021**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Roderick Spiteri)**

**vs**

**Darryl Luke Borg**

Il-Qorti,

**1.** Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra:

**Darryl Luke Borg** iben Anthony u Joan (Giovanna) xebba Mifsud residenti 142, Farina Flt.1 Triq il-Bwieraq Birkirkara detentur tal-karta tal-identita numru 261086M, imwieled il-Pieta nhar is-2 ta' Gunju 1986

Akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer nhar il-11 ta' Gunju 2019 gewwa Triq Mons Alfred Mifsud Birkirkara u/jew bnadi ohra f'dawn il-Gzejjer:

1. ikkommetta serq aggravat minn 'The Convenience Shop' u/jew propjeta ohra ghad-detriment ta' 'The Convenience Shop Ltd' u/jew persuni ohra u/jew entitajiet ohra, liema serq hu kkwalifikat bil-valur.

2. U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi ikkommetta l-imsemmi reat waqt il-perjodu operattiv ta' sentenza ta' hames xhur prigunerija sospizi ghal sentejn mghotija lilu mill-Qorti tal-Magistrati Dr. S. Grech LL.D nhar l-20 ta' Settembru 2018.

3. U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi irrenda ruhu recidiv b'sentenza tal-Qrati ta' Malta liema sentenza hi definittiva u ma tistax tigi mhassra, mnaqqsa jew mibdula u dan ai termini tal-Art.49, 50 u 289 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet mitluba li f'kaz ta' htija minbarra li tinfliggi l-pieni stabbiliti mill-ligi, tordna lill-imsemmija persuna sabiex thallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti, jekk ikun il-kaz, kif provdut fl-Artikolu 533 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta.

**2.** Rat il-kunsens tal-Avukat Generali skond l-Artikolu 370(4) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta sabiex dawn il-proceduri kontra l-imputat jigu trattati bil-procedura sommarja, u rat li l-imputat iddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz kontra tieghu jigi hekk trattat.

**3.** Semghet ix-xhieda u rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti.

**4.** Rat li fis-seduta tal-14 ta' Dicembru 2020, l-imputat irregistra ammissjoni ghall-imputazzjonijiet dedotti kontra tieghu.

Il-Qorti wissiet lill-imputat bil-konsegwenzi tal-ammissjoni tieghu u li senjatament il-piena massima ghall-imputazzjonijiet dedotta kontrieh hija ta' tlett snin prigunerija u li tigi reza operattiva s-sentenza sospiza ta' hames xhur prigunerija moghtija minn din il-Qorti diversament preseduta fl-20 ta' Settembru 2018, u issospendiet is-seduta sabiex l-imputat jikkonsulta mal-avukat difensur tieghu sabiex jara jekk iridx jirrevedi l-pozizzjoni tieghu.

Meta regghet issejhet il-kawza il-Qorti staqsiet lill-imputat kellux hin bizzejjed biex jikkonsulta mal-avukat difensur tieghu u hu wiegeb fl-affermattiv u mistoqsi mill-Qorti jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu, hu wiegeb li qed jikkonferma l-ammissjoni tieghu.

**5.** Rat il-*pre-sentencing report* tal-Ufficjal tal-Probation Sarah Bezzina;

**6.** Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet dwar il-piena;

**7.** Rat id-digriet taghha tal-lum stess, fejn il-Qorti issospendiet il-prolozzjoni tas-sentenza u ordnat lir-Registratur Qrati Kriminali u Tribunali jipprezenta kopja legali tas-sentenza moghtija minn din il-Qorti, diversament preseduta,[1] kontra l-imputat fit-8 ta' Lulju 2020 flimkien ma' dikjarazzjoni jekk dik is-sentenza gietx appellata.

**8.** Semghet ix-xhieda ta' Joyce Agius in rapprezentanza tar-Registratur fis-seduta tal-lum u rat is-sentenza minnha ezebita in ottemperament mad-digriet tal-lum stess.

**9.** Rat li din il-Qorti ipposponiet is-seduta ghal iktar tard illum sabiex tinghata s-sentenza finali.

**KUNSIDERAZZJONIJIET TA' DIN IL-QORTI**

**10.** Fuq ammissjoni tieghu stess, il-Qorti issib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet dedotti kontrih.

**11.** Rigward it-tieni imputazzjoni, u cioe ksur ta' sentenza sospiza, mill-provi jirrizulta li b'sentenza ta' din il-Qorti, diversament preseduta, tat-8 ta' Lulju 2020, l-imputat instab hati li kiser l-istess sentenza sospiza imsemmija fit-tieni imputazzjoni fic-citazzjoni odjerna, u irrendiet is-sentenza sospiza operativa. Mix-xhieda ta' Joyce Agius, in rapprezentanza tar-Registratur jirrizulta li din is-sentenza tat-8 ta' Lulju 2020 ma gietx appellata. Ghalkemm l-imputat ammetta li ikkometta r-reat ta' serq dedott fl-ewwel imputazzjoni, fil-perjodu operattiv tas-sentenza sospiza imsemmija fit-tieni imputazzjoni, u dan jirrizulta wkoll mill-provi, pero din il-Qorti ma tistax tittratta mieghu talli ikkommetta dan is-serq fil-perjodu operattiv tas-sentenza sospiza, stante, li din is-sentenza sospiza diga giet reza operattiva bis-sentenza tat-8 ta' Lulju 2020.

[1] *Per* Magistrat Caroline Farrugia Frendo.

**12.** Rigward il-piena, il-Qorti hadet in konsiderazzjoni li l-ammissjoni tal-imputat ghandha titqies bhala wahda bikrija, stante li saret fl-istess seduta li fiha inqrat ic-citazzjoni, u b'hekk l-imputat ma heliex il-hin u r-rizorsi tal-Qorti u tal-forzi tal-ordni.

**13.** Pero, il-Qorti ma tistax ma tosservax li l-imputat gie identifikat mill-filmat tac-CCTV tal-istabbiliment minn fejn wettaq is-serqa, u gie identifikat mill-haddiema tal-istess stabbiliment li kienu jafuh ghax kien jixtri minn hemm, u l-vettura tieghu giet ukoll identifikata mill-Pulizija. Ghalhekk, jista' jinghad li l-imputat meta l-Pulizija urietu l-provi li kellha kontireh waqt il-process tad-*disclosure*, huwa sab ruhu daru mal-hajt, u ghalhekk ammetta l-htija tieghu fl-istqarrija.

**14.** Il-Qorti hadet ukoll in konsiderazzjoni li l-imputat irritorna lura l-ammont minnu misruq lill-parti leza qabel bdew dawn il-proceduri, u ghalhekk il-piena ghandha titnaqqas b'zewg gradi ai termini tal-Artikolu 337(2) tal-Kodici Kriminali.

**15.** Il-fedina penali tal-imputat mhix wahda felici. Huwa ghandu seba' kundanni minn dawn il-Qrati, wahda ta' ksur tal-ligijiet tas-sewqan, erba' kundanni ta' serq, kundanna ghal pussess semplici tad-droga kokaina u zewg kazijiet ta' ingurja u thedid lil ommu.

**16.** Mill-*pre sentencing report* jirrizulta li l-imputat beda jabbuza mid-droga kokaina mill-eta tenera ta' hmistax (15)-il sena. Huwa jghid li ilu minn Dicembru 2020 ma jabbuza mid-droga, u ghid li minkejja li qieghed f'kuntatt mal-Caritas, huwa minn jeddu waqaf juza d-droga. Kampjuni li ttiehdu gewwa d-Dipartiment tal-Probation u Parole minn Dicembru 2020 sa' nofs Frar 2021 irrizultaw fin-negattiv ghas-sustanzi eroina, kokaina u kannabis. L-imputat qieghed ukoll taht kura psikjatrika, u qed jiehu l-medicina relattiva.

**17.** Jidher li minn Dicembru 2020, l-imputat iddecieda li jaghmel l-almu tieghu li jitbieghed mit-triq tal-kriminalita. Din il-Qorti ma tahsibx li hi ko-incidenza li dan gara wara li bis-sentenza tat-8 ta' Lulju 2020, l-imputat gie ikkundannat ghal piena globali ta' disa' xhur prigunerija effettiva u ghal Ordni ta' Trattament ghal perjodu ta' erba' u ghoxrin (24) xahar. Ghalhekk, din il-Qorti tifhem li dan l-Ordni ta' Trattament ghadu fil-perjodu operattiv tieghu.

**18.** Fir-rapport taghha, l-Ufficjal tal-Probation tghid hekk: *"Fil-prezent l-imputat kien qed jahdem fuq bazi full-time … …, liema impieg mhux regolarizzat, madanakollu l-imputat jghid li jinsab ghal qalbu f'dan l-impjieg."*[2] Ghalkemm certament l-imputat ghandu bzonn li jahdem, mhux biss biex imantni lilu nnifsu u t-tifla minuri tieghu, izda wkoll biex ihoss ruhu ta' utilita ghas-socjeta, din il-Qorti ma tistax tghalaq ghajnejha ghall-fatt li l-imputat ghandu impjieg mhux regolarizzat, jekk dan huwa effettivament minnu.

**19.** L-Ufficjal tal-Probation ikkonkludiet ir-rapport taghha hekk:
*"Ghaldaqstant, fid-dawl tal-informazzjoni kollha migubra ghall-fini ta' dan ir-rapport, kif ukoll il-fatt li l-imputat ammetta ghall-akkuzi migjuba kontrih u l-fatt li rritorna l-flus misruqa qed ikun umilment rakkomandat li l-imputat jinghata Ordni ta' Probation ghall-perjodu massimu ta' 3 snin. B'hekk, f'dan il-perjodu l-imputat ikompli jinghata l-ghajnuna u l-gwida mehtiega fil-hajja tieghu, fil-waqt li jkun assigurat li min-naha tieghu Darryl Luke Borg ikompli juri impenn fit-triq ta' riabilitazzjoni. Kif ukoll, huwa ferm importanti li l-imputat jifhem li fil-passat il-Qorti tatu diversi opportunijiet sabiex jirriabilita ruhu u ghaldaqstant f'kaz li din l-Onorabbli Qorti tilqa' din ir-rakkomandazzjoni ghandu jiehu din l-Ordni b'serjeta kbira."*

**20.** Din il-Qorti taqbel mar-rakkomandazzjoni tal-Ufficjal tal-Probation, anke in vista tal-fatt li l-ahhar sentenza li kellu l-imputat kienet wahda ta' prigunerija effettiva, u ghalhekk tawspika li huwa tghallem minn din il-lezzjoni u ddecieda darba ghal dejjem li jaqleb il-folja u jirriabilita ruhu.

**Konkluzjoni**

**21.** Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti:

1. Wara li rat l-Artikoli 261(c), 267, 279(a), 28A, 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputat hati tat-tlett imputazzjonijiet dedotti kontra tieghu, izda fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet fuq esposti, u b'applikazzjoni ta' l-Artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti qed tqieghed lil hati taht

---
[2] Ara fol. 49 tal-process.

Ordni ta' Probation ghal zmien tlett (3) snin mil-lum, bil-kundizzjonijiet stretti li qed jigu imposti fuqu skond l-Ordni ta' Probation hawn annessa, u li ghandha tifforma parti integrali minn din is-sentenza.

2. Tastjeni milli tittratta mal-hati talli ikkommetta r-reat ta' serq fil-perjodu operattiv tas-sentenza sospiza imsemmija fit-tieni imputazzjoni ai termini tal-Artikolu 28B tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u dan stante li din is-sentenza sospiza giet diga reza operattiva, b'sentenza ta' din il-Qorti, diversament preseduta tat-8 ta' Lulju 2020.

3. Il-Qorti wissiet lil hati bi kliem car illi jekk huwa jikkommetti reat iehor matul dan il-perjodu ta' Probation jew jekk jonqas illi jsegwi xi wahda mill-kundizzjonijiet stipulati fl-Ordni tal-Probation, huwa jkun jista' jigi ikkundannat ghar-reat li ghalih giet maghmula din l-Ordni, u l-hati esprima r-rieda tieghu li jikkonforma mal-htigijiet ta' din l-Ordni.

4. Il-Qorti tordna li kopja ta' din is-sentenza, inkluz l-Ordni ta' Probation annessa maghha, tintbaghat lid-Direttur tas-Servizzi tal-Probation u Parole

5. Inoltre il-Qorti tordna li kopja ta' din is-sentenza tintbaghat ukoll lill-Kummissarju tal-Pulizija sabiex jaghmel l-investigazzjoni necessarja dwar id-dikjarazzjoni tal-Ufficcjal tal-Probation li l-imputat qieghed jahdem f'impjieg mhux regolarizzat skont il-ligi, u f'kaz li jirrizultalu li gie kommess xi reat kriminali jibda proceduri kriminali, kontra l-persuni koncernati.

**Magistrat**

**Doreen Pickard**
**Deputat Registratur**